MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 409/1996/1

Kawza fil-lista: 37

**Jimmy sive John Mary Camilleri**
**Vs**
**Dottor Frederick Tanner**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talba hekk:

Peress li l-attur kien jikri lil-konvenut il-villa numru 48, Tarabanka, Santa Maria Estates, Mellieha, bil-kera ta' LM500 fix-xahar, jithallas mensilment bil-quddiem.

Peress li l-konvenut naqas li jhallas dan il-kera ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru u

Dicembru, 1995, u ta’ Jannar 1996, ammontanti ghal LM3500.

Peress li fis-sajf il-konvenut mal-familja tieghu marru vacanza barra min Malta, u il-kontendenti ftehmu li f’dan il-periodu li stess villa setghet tigi okkupata minn persuni ohra biex il-konvenut jiffranka il-kera minnu dovut, u autorizza lill-attur li jippermetti din l-okkupazjoni u l-provent izommu l-attur u jnaqqsu mil-kera dovut mil-konvenut, liema provent kien LM650, u ghalhekk il-konvenut baqa debitur versu l-attur tal-kera fis-somma ta LM2850.

Peress li l-konvenut meta hareg mil-villa halla m’hux imhallas il-kont tad-dawl u ilma fis-somma ta LM209.39, u nehha mil-villa zewg cilindri tal-gass li jiswew, bil-kontenut taghhom LM15.

Peress li l-konvenut interpellat baqa inadempienti fl-obbligi tieghu.

Premessi d-dikjarazzjonijiet necessari u moghtija l-provvedimenti opportuni, ighid 1) il-konvenut ghaliex m’ghandux jigi kundannat ihallas a saldu ta kera, konsum ta ilma u elettriku u l-kost ta zewg cilindri tal-gas kif fuq spiegat is-somma ta LM3074.39 2) l-interessi, legali fuq li stess somma flimkien ma li spejjes tal-kawza, komprisi dawk tal-mandat ta sequestru tat-22 ta Jannar 1996, u b’riserva tal-kont tat-telefon fl-istess villa, li s-somma dovuta ghadha m’hix maghrufa.

B’riserva ghad-danni kagonati mill-konvenut fil-villa.

Harrek lil-konvenut li jibqa ingiunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Preliminarjament li l-eccipjent mhux malti, u ghalhekk kellu jigi notifikat b’traduzzjoni bl-ingliz tac-citazzjoni; dejjem in linja preliminari kellha tigi mharka ukoll mart l-eccipjent Eva.

Fil-mertu, t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ebda ammont mhu dovut ghall-kera’ jew ghall-konsum tal-ilma; jew ghaz-zewg cilindri tal-gas li ma ttiehdux mill-eccipjent.

Dwar l-elettriku ghandhom isiru d-debiti verifiki.

Illi l-eccipjent gie kostrett jirrilaxxa l-Villa, minhabba l-inadempjenza tal-attur, li naqas li jaghmel r-riparazzjonijiet necessarji, u b’konsegwenza ta’ dan l-eccipjent sofra danni li qed jirreklamhom b’kontro talba ppresentata kontestwalment. .

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenut b’skrittura  tat-12 ta’ Jannar, 1994 – (Dok A anness) kera minghand l-attur l-Villa 48, Tarabanka, Santa Maria Estate, Mellieha, bil-kera ta’ Lm500 fix-xahar u bil-kondizzjonijiet ohra indikati fl-istess skrittura;

Peress illi l-attur naqas li jsewwi l-hsarat strutturali fl-istess Villa konsistenti f’konsenturi tant li dina giet reza inabitabbli;

Peress li l-attur baqa’ nadempjenti nonostante diversi interpellazzjonijiet fosthom dik ufficcjali tat-30 ta’ Ottubru fejn gie avzat li l-kirja qed  tigi terminata b’effett mill-15 ta’ Ottubru, 1995;

Peress illi b’konsegwenza ta’ dan l-konvenut sofra danni.

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara l-lokazzjoni xjolta b’effett mill-15 ta’ Ottubru 1995 u dan minhabba l-inadempjenza tal-attur;
2. tiddikjara lill-attur resposabbli ghad-danni konsegwenzjali, li jigu likwidati okkorrendo bl-opera ta’

perit nominandi, u li l-attur jigi kkundannat ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 1995 u bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi tal-konvenut huma insostenibili ghaliex il-fond ma kienx fi stat m'hux abitabili, il-konvenut telaq mil-post ghal-konvenienza tal-familja tieghu kif jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza, u in basi ta dan ma setghax isofri danni minhabba l-agir tall-attur u l-lokazjoni ma tistghax tigi xjolta ghal ragjunijiet legali.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Joseph Jaccarini minnu debitament mahlufa fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2005;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz ta' skrittura privata[2] datata 12 ta' Jannar 1994, il-konvenut kera minghand l-attur il-villa numru 48 Tarabanka, Santa Marija Estates, Mellieha, versu l-kera ta' Lm500 fix-xahar pagabbli bil-quddiem, u dan ghal-perijodu li jestendi mill-"1st of January 1994 to [sic] September 1996". Skond l-istess ftehim l-ispejjez tal-gas, dawl u ilma u telefon kienu a kariku tal-konvenut inkwilin li minn naha tieghu ghamel depozitu mal-attur fl-ammont ta' Lm500 in garanzija tal-osservanza tal-obbligi tieghu that l-istess ftehim[3].

[1] Fol.138 et sequitur
[2] Fol.16
[3] Klawsola 4

Illi fil-klawsola numru 8 il-konvenut inghata fakolta' li jittermina l-ftehim qabel iz-zmien stipulat "only in case the Lessee is required to leave Malta for good" u bil-kondizzjoni [1] li jhallas somma ulterjuri ta' Lm500 lill-attur bhala kumpens ghat-terminazzjoni prematura, u [2] jaghti xahar avviz bil-miktub bil-quddiem.

Illi jirrizulta li ghal habta ta' Settembru 1995 il-konvenut telaq mill-imsemmi fond u b' ittra ufficjali datata 30 ta' Ottubru 1995 informa lill-attur "ufficjalment li qed jittermina l-istess lokazzjoni b' effett mill-15 ta' Ottubru 1995, u dana peress li l-villa ma baqghetx abitabbli bil-konsenturi li hargu, u li inti nqast li tirranga ghalkemm ripetutament gejt hekk mitlub, b' konsegwenza li fil-villa beda jidhol hafna ilma tax-xita, kif ukoll, fost inkonvenjenti ohra jinqata' d-dawl."[4]

Illi l-attur qed jippretendi minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' Lm3,074.39 rapprezentanti: in kwantu ghal Lm2,8500 skadenzi ta' kera dovuti ghax-xhur minnn Lulju 1995 sa Jannar 1996 [nieqes is-somma ta' Lm650 percepita mill-attur kif spjegat fl-att tac-citazzjoni]; in kwantu ghal Lm209.39 kontijet tad-dawl u ilma pendenti; u in kwantu ghal rimanenti Lm15 zewg cilindri tal-gas misjuba neqsin mill-attur. U dan oltre, l-imghaxijiet u spejjez, bir-rizerva tal-kont tat-telefon li ma kienx ghadu ntbaghat.

Jigi rilevat li permezz ta' ftehim milhuq bejn il-partijiet tramite d-difensuri taghhom fil-31 ta' Jannar 1996, il-partijiet ftehmu li, fir-rigward tal-proceduri odjerni, jillimitaw il-vertenza ghal din id-data, u mhux sal-ahhar ta' Settembru 1996 kif hemm sitipulat fil-ftehim lokatizju.[5]

Illi minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghal din it-talba bl-argument li huwa ma ghandu jghati ebda ammont lill-attur; u li hu kien gie kostrestt li jirrilaxxja l-villa minhabba l-inadempjenza al-istess attur li naqas li

[4] Fol.19
[5] Ittra datata 31 ta' Jannar 1996 – fol.20

jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji. Konsegwenza ta' dan il-konvenut jsostni li sofra danni.

Di fatti huwa prezenta kontro talba, bazata fuq il-premessa li "l-attur naqas li jsewwi l-hsarat strutturali fl-istess Villa konsistenti f' konsenturi tant li giet reza inabitabbli"[6] bil-konsegenza li sofra danni; u talab [1] ix-xoljiment tal-lokazzjoni b' effett mill-15 ta' Ottubru 1995 minhabba l-inadempjenza ta' l-attur; u [2] likwidazzjoni u kundanna ghal hlas tad-danni konsegwenzjali.

Illi f' din il-kawza xehedu l-attur u l-Perit Andre Camilleri minnu inkarigat, filwaqt li l-konvenut ma xehedtx, izda strah fuq id-dikjarazzjonijiet guramentati tieghu annessi man-nota tal-eccezzjonijiet u mal-kontro talba; u l-ittra datata 25 ta' Ottubru 2002 mibghuta minnu lill-Avukat tieghu u esebita fl-atti.[7]

Illi l-attur rikonvenzjonat eccepixxa li ma kien hemm ebda raguni legali li setghet twassal ghax-xoljment tal-lokazzjoni qabel it-terminu stipulat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet huwa l-fatt sostnut mill-konvenut li l-villa ma baqghetx abitabbli minhabba l-konsenturi li zviluppaw fil-hitan; u fl-imsemmi ittra tieghu jghidu ukoll li kien hemm "electricity hazards".

L-attur minn naha tieghu kkontesta il-fatt li l-konsenturi kienu tali li rrendew il-villa inabitabbli. Huwa pproduca bhala xhud lil Perit Andre Camilleri li, fuq inkariku tieghu, spezjoni l-villa bejn l-ahhar ta' Dicembru 1995u l-bidu ta' Jannar 1996.

Fix-xhieda tieghu dan il-perit qal li l-cracks li kienu jidhru minn barra ma kienux gravi, di fatti t-twieqi u l-bibien setghu jinfethu, u l-bini kien sod; u il-konsenturi ta' gewwa gew klassifikati minnu bhla hairline cracks. Huwa ccertifika li, ghalkemm ma spezzjonax is-sitema ta' l-elettricku, huwa ma rax tbajja ta' l-ilma; u ma rriskontra

[6] Fol.13
[7] Fol.70-71

ebda perikolu. Di fatti qal: "[Il-villa] kienet abitabbli u ma sibt l-ebda raguni ghaliex ma setghetx tinkera."[8]

Illi din id-disposizzjoni ssib konfort fil-kostatazzjonijiet tal-perit gudizzjarju li acceda in situ fl-10 ta' Lulju 1997. Fir-relazzjoni tieghu dan qal li huwa ra l-konsenturi izda "ma osservax tbajja tad-dhul ta' l-ilma, u ma hareg xejn minn din l-ispezzjoni li biha seta' wiehed jasal ghal xi konkluzjoni li l-fond gie res inabitabbli .."[9] Huwa pero' rriskontra traskuragni fil-manutenzjoni tal-bjut.

Rigward il-perkolazzjoni ta' l-ilma fil-fond rizultat tal-maltempata li grat f' Settembru tas-sena 1995, il-perit tekniku qal din l-allegazzjoni tal-konvenut "hija haga facli li wiehed jifhimha izda tali okkorrenza ma hix wahda li biha wiehed jista' jikklassifika l-fond bhala inabitabbli specjalment meta din l-okkorrenza kienet ta' darba u mhux stat kontinwu li fih kien qed jghix il-konvenut…"[10]

Inoltre, ma rrizultax sodisfacentement provat li d-dhul ta' l-ilma kien dovut ghall-inadempjenza da parti tal-attur. Di fatti l-perit gudizzjarju fir-relazzjoni tieghu jghid li l-perkolazzjoni ta' l-ilma setghet giet kawzata jew minn nuqqas ta' "manutenzjoni u preparazzjoni tal-bjut li ssir ftit qabel l-istagun tax-xita li jibda f' Settembru ta' kull sena."; jew setghet kienet dovuta ghal "sadd fil-katusa tal-bejt minhabba kumulu ta' weraq li ostakulaw il-blokka ta' l-istess katusa bir-rizultat li l-ilma ssorpassa livell li minnu pperkola u nfexx ghal gos-sistema ta' conduits tas-sistema ta' l-elettriku li hemm mirduma fix-xahx li normalment jinfirrex fuq il-bejt qabel dan jigi rez water proof".[11] It-tieni possibilita' titfa' r-responsabbilita' ta' l-akkadut direttament fuq il-konvenut li kellu l-obbligu qua inkwilin li jzomm il-fond "in good condition"[12] u; li fit-tgawdija tieghu jaghmel uzu minnu "uti bonus paterfamilias" *[App.Civ. Il-Kontessa Caruana Gatto vs Pinu Buhagiar [1997] Vol.LXXXII.II.227]*

[8] Fol.94
[9] Fol.159
[10] Fol.161
[11] Fol.158 – sottolinear tal-Qorti
[12] Klawsola 6 tal-ftehim

Il-perit tekniku kompla josserva li meta mar fuq il-post huwa ra zewg konsenturi li pero' "ma kienux kagun tal-inondazzjoni bl-ilma tax-xita li ghamlet abbondantament, izda kienu biss ta' inkonvenjenza u ta' apparenza ta' traskuragni, minhabba l-hsara li kkagunaw fid-dekorazzjoni tal-hitan."

Illi in tema legali jigi osservat li "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat" – l-oneru tal-prova tal-fatt allegat tirrisjedi fuq minn qed jallega dak il-fatt, f' dan il-kaz il-konvenut li allura f' dan il-kuntest tapplika ghall-konvenut il-massima "reus in excipiendo fit actor", u kien ghalhekk l-oneru tieghu li jipprova b' mod sodisfacenti l-allegazzjoni tieghu, li l-villa kienet inabitabbli u li dan kien rizultat ta' l-inadempjenza da parti ta' l-attur li jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji. Il-qorti tosserva li din l-allegazzjoni centrali mhix sorretta mill-provi, anzi tinsab addirittura kontradetta minnhom, kemm mix-xhieda tal-expert ex parte ta' l-attur, kif ukoll mir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju li ccertifikaw li l-villa kienet abitabbli u li ghalhekk setghet tinkera.

Illi fl-ittra precitata l-konvenut iddikjara li li l-fond kien soggett ghall "excessive humity", kien hemm "large gaps" fil-bjut u li l-perkolazzjoni ta' l-ilma kienet ikkagunat "electricity hazards" fid-dar; u qal wkoll li hu kien issottometta lista ta' persuni "who have seen the house and could testify on its condition in 1995."[13] In propositu l-Qorti toserva s-segwenti:

[1] illi l-allegazzjoni ta' umdita' eccessiva ma giet provata b' ebda mod, anzi tinsab kontradetta mix-xhieda tal-Perit Andre Camilleri u mill-perit gudizzjarju li kkonfermaw li matul l-ispezzjoni tal-villa ma rawx tbajja ta' l-ilma;

[2] L-istess huwa applikabbli ghall-allegazzjoni ta' "large gaps in our roof". Din ma ssibx riskontru fil-provi;

[3] Rigward l-allegazzjoni tal- "electricty hazards" din fuq bazi generali tirrizulta infondata. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jghid li "barra l-inkonvenjent ta' supply inkonsistenti u rregolari, l-familja

[13] Fol.70

tieghu kienet esposta ghal perikolu serju u kostanti. L-inkolumita' taghhom kienet realment u kontinwament qed tigi mhedda."[14] Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma gab ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni ta' perikolu kontinwu. Inoltre, fuq bazi specifa referibbilment ghall-maltempata ta' Settembru tas-sena 1995 jigi osservat li ma rrizultax provat, kif fuq spejgat, li l-perkolazzjoni ta' l-ilma kienet dovut ghal inadempjenza da parti ta' l-attur.

In fine jigi rilevat li, ghalkemm fl-imsemmija ittra l-konvenut qal li kien hemm persuni li skond hu setghu jixhdu dwar il-kondizzjoni tal-villa fis-sena 1995, u nonostante li fil-lista tax-xhieda huwa indika diversi persuni bhala xhieda tieghu, fil-fatt f' dawn il-proceduri l-konvenut ma ressaq ebda xhieda, u minflok strah fuq id-dikjarazzjonijiet guramentati skarni tieghu annessi man-nota tal-eccezzjonijiet u mal-kontro talba tieghu, u l-kontenut tal-ittra mibghuta lill-Avukat tieghu.

Illi tenut kont tal-premessi konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li il-mankanza da parti tal-konvenut li jipprova l-fatt centrali ghall-kaz tieghu u cioe' li l-villa kienet inabitabbli u li kienet giet reza hekk minhabba l-inadempjezna tal-attur, dan il-fatt jirrendi l-pozizzjoni tieghu priva minn raguni valida fil-ligi sabiex tirnexxi t-talba tieghu ghad-dikjarazzjoni itax-xoljiment tal-lokazzjoni de quo, kif ukoll ghad-danni minnu pretizi u li, fi kwalunkwe kaz, ma gewx provati. Ghaldaqstant il-kontro talba tieghu mhux gustifikata la fil-fatt u la fid-dritt: mhix gustifikata fil-fatt, ghax ma giex provat li l-fond, l-oggett tal-kirja, kien inabitabbli; u mhix gustifikata fid-dritt ghax ma giet riskontrata ebda vjolazzjoni da parti tal-attur tal-obbligi tieghu bhala sid il-kera. Ghalhekk din it-talba ma timmeritax li tigi milqugha.

Illi l-assenza ta' din il-prova ddghajjef wkoll id-difisa tal-konvenut ghat-talbiet attrici, kif impustata minnu fir-raba eccezzjoni li hija bazata fuq il-fatt li l-attur naqas li jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji – fatt li ma rrizultax provat. Ghaldaqstant anki din l-eccezzjoni hija nfondata.

[14] Fol.125 – sottolinear tal-Qorti

Illi stabbilit li ma hemm ebda raguni valida li legalament tista' twassal ghax-xoljiment tal-lokazzjoni, kif ukoll ghat-terminazzjoni prematura tal-lokazzjoni fit-termini tal-klawsola numru 8 fuq indikata, u stabbilita l-infondatezza tal-allegazzjoni konvenuta li l-attur naqas li jaghmel ir-riparazzjonijiet mehtiega, ma jibqa' ebda bazi valida ghan-nuqqas tal-konvenut li jkompli jonera l-ftehim lokatizzju sat-terminu stipulat, u jhallas il-kera dovuta sa Settembru 1996.

Illi f' dan il-kuntest, in forza tal-prinipju legali fuq enuncjat rigwardanti l-oneru tal-prova, huwa l-attur li jrid jipprova [1] li l-ammont minnu pretiz huwa verament dovut u [2] li ghadu ma thallasx mill-konvenut.  L-attur qed jitlob ukoll hlas ta' ammonti dovuti ghall-konsum tad-dawl u ilma kif ukoll il-prezz ta' zewg cilindri tal-gas.  Kif ukoll il-kontijiet tat-telefon li l-konvenut hallas pendenti.

Il-konvenut minn naha tieghu qed opponi ghal pretensjoni attrici b' eccezzjoni generika mfassla f' dawn it-termini: " kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza <u>ebda ammont mhu dovut</u> ghall-kera jew ghall-konsum tal-ilma, jew ghaz-zewg cilindri tal-gas li ma ttiehdux mill-eccipjent."[15]  Minn dan jirrizulta li permezz tal-eccezzjoni tieghu, il-konvenut mhux qed jisostni l-pagament tal-ammonti, imma addirittura qed jghid li l-ammont mhux dovuti ghar-ragunijiet li "ser jirrizultaw ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza."  Hija opportuna l-osservazzjoni li l-kontestazzjoni tal-konvenut hija li huwa kien kostrett li jitlaq mill-fond lokat lilu u ghalhekk hija logika u lecita l-prezunzjoni li t-tesi tieghu – li l-ammont mhux dovut – hija bazata fuq l-allegata inadempjenza da parti tal-attur li jwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.

Kirjiet – Illi l-attur qed jitlob il-kirjiet dovuti ghall-iskadenzi minn Lulju 1995 sa Jannar 1996, nieqes is-somma ta' Lm650, li b' kollox jammontaw ghas-somma ta' Lm2,850.  In propositu l-Qorti tosserva li kif fuq spjegat ma gietx provata raguni valida fil-ligi ghat-terminazzjoni prematura

[15] Fol.10 – sottolinear tal-Qorti

tal-ftehim, u ghalhekk jirrizulta manifest li l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-kera baqa' jissussisti sat-terminu mifthiem bejn il-partijiet u cioe' sa' Jannar 1996. Ghalhekk l-ammonti rapprezentanti l-kera ghax-xhur fuq indikati kienu dovuti, u fin-nuqqas ta' prova ta' pagament da parti tal-konvenut[16], ghandhom jigu kkunsidrati li ghadhom dovuti; u l-pretensjoni attrici f' dan ir-rigward hija fondata.

Dawl u Ilma – Illi l-attur qed jippretendi minghand il-konvenut is-somma ta' Lm209.39 rapprezentanti skond hu kont ta' dawl u ilma li ma giex imhallas mill-konvenut. In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta car mill-ftehim lokatizju li l-konsum ta' dan is-servizz kien a kariku tal-konvenut, l-attur minn naha tieghu naqas li jipprova li dan l-ammont huwa fil-fatt dovut. Jigi osservat li l-attur naqas li jaghti dettalji referibbilment ghall-kont li fuqu huwa qed jibbaza din il-parti tal-pretensjoni tieghu: naqas li jippresenta l-kont relattiv li jikkostitwixxi l-prova dokumentali li l-ammont huwa dovut, jew li jipproduci bhala xhud rapprezentant tal-Korporazzjoni EneMalta, naqas ukoll li jispjega ghall-liema perijodu jirriferi dan l-allegat kont - b' hekk ippriva ruhu minn prova sodisfacenti li tistabilixxi l-ezistenza tad-debitu.

Kont tat-telefon – Fit-trattazzjoni tieghu d-difensur ta' l-attur talab li jigu inkluzi l-kontijiet pendenti f' dan ir-rigward. Il-Qorti tosserva li l-premessi konsiderazzjonijiet huma applikabbli ghal dawn il-kontijiet, multo magis tenut kont tal-fatt li l-attur lanqas indika l-ammont pretiz f' dan ir-rigward. Jigi rilevat li l-fatt li dawn il-kontijiet setghu kienu ghadhom ma hargux fiz-zmien il-prezentata tal-att tac-citazzjoni, izda zgur li fil-mori tal-proceduri li jirrizalu ghal-Frar tas-sena 1996, l-attur kellu zmien altru milli sufficjenti sabiex [1] jistabbilixxi l-ammont; u [2] jressaq provi f' dan ir-rigward bil-prezentata tal-kontijiet relattivi. Il-fatt li dan ma sarx meta ghadda dan iz-zmien kollu [circa 8 snin] ipoggi lill-istess attur f' dawl negattiv, stante li fic-cirkostanzi hija logika l-prezunzjoni li matul dan iz-zmien

[16] Jigi osservat li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut ammetta li hallas kera "sa Gunju 1995" – [para.4 fol.124]

kollu zgur li dana rceva l-kontijiet relattivi mill-korporazzjoni relattiva. Jekk ghal xi raguni nota lilu huwa naqas li jesebihom, kif naqas li jesebixxi l-kont tad-dawl u ilma, u b' hekk falla fl-oneru tieghu tal-prova, allura imputet sibi.

Illi rigward il-pretensjoni ta' Lm15 prezz ta' zewg cilindri tal-gas, il-Qorti tosserva li, din giet kontestata mill-konvneut, u ma tinsabx sodisfacentement provata mill-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata limitatament ghas-somma ta' Lm2,850, nieqes is-somma ta' Lm500 depozitu li kien maghmul mill-konvenut favur l-attur mal-iffirmar tal-iskrittura kif indikat fl-istess. Ghalhekk is-somma li ghadha dovuta illum hija fl-ammont ta' Lm2,350.

F' dan l-istadju huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet relattivi ghall- l-ewwel eccezzjoni[17] tal-konvenut. Qabel xejn jigi osservat li l-konvenut ma talabx in-nullita' tac-citazzjoni, izda llimita ruhu ghal-osservazzjoni li peress il-konvenut "mhux malti … kellu jigi notifikat bi traduzzjoni bl-ingliz tac-citazzjoni." Izda peress li l-konvenut ma baqax jinsisti ghal din it-traduzzjoni, u kompla bid-difisa u trattazzjoni tieghu tal-kaz, il-Qorti tifhem li rrinunzja ghaliha. Rigward it-tieni parti tal-eccezzjoni fejn il-konvenut sostna li kellha titharrek ukoll il-mara tieghu Eva, il-Qorti tosserva li l-ftehim sar bejn l-attur u l-konvenut biss, u mkien ma ssemmiet il-mara tal-istess konvenut. Inoltre, ma gabx provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni, fis-sens ta' x' regim legali jirregola l-posizzjoni tal-koppja Tanner li jidher li huma ta' nazzjonalita' barranija, u anke jekk humiex fil-fatt legalment mizzewgin. Il-provi f' dan ir-rigward huma kompletament mankanti, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax treggi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett in parte tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin lira maltin

[17] Fol.10

[Lm2,350] flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni, u tichadha ghall-kumplament; u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ Lm2,350 flimkien mal-imghax legali kif indikat; l-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-konvenut, u r-rimanenti kwart [1/4] jibqghu a kariku tal-attur; tiddecidi dwar il-kontro talba billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, u tichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant; bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------